2024/3239

23.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3239

tad-19 ta' Diċembru 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' Norfolk u Yorkshire, l-Ingilterra, li ġew ikkonfermati bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u s-16 ta' Diċembru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 17-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (4), Iowa (3), Missouri (1), Nebraska (1), Oklahoma (2) u South Dakota (6), li ġew ikkonfermati bejn it-3 ta' Diċembru 2024 u l-11 ta' Diċembru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(8) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat aktar tixrid tal-HPAI wara t-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(9) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati bit-tifqigħat riċenti jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(11) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, l-emendi li għandhom isiru għall-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.332 sa GB-2.336 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.331:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.332	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		10.12.2024	
	GB-2.333		N, P1		10.12.2024	
	GB-2.334		N, P1		10.12.2024	
	GB-2.335		N, P1		16.12.2024	
	GB-2.336		N, P1		16.12.2024"	

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.743 sa US-2.759 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.742:

"US L-Istati Uniti	US-2.743	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.12.2024	
	US-2.744		N, P1		9.12.2024	
	US-2.745		N, P1		9.12.2024	
	US-2.746		N, P1		6.12.2024	
	US-2.747		N, P1		9.12.2024	
	US-2.748		N, P1		5.12.2024	
	US-2.749		N, P1		10.12.2024	
	US-2.750		N, P1		10.12.2024	
	US-2.751		N, P1		10.12.2024	
	US-2.752		N, P1		11.12.2024	
	US-2.753		N, P1		11.12.2024	
	US-2.754		N, P1		11.12.2024	
	US-2.755		N, P1		10.12.2024	
	US-2.756		N, P1		6.12.2024	
	US-2.757		N, P1		10.12.2024	
	US-2.758		N, P1		10.12.2024	
	US-2.759		N, P1		11.12.2024"	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.332 sa GB-2.336 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.331:

"Ir-Renju Unit	GB-2.332	qrib Dereham, Mid Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab fiċ-ċirku ta' raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.61 u Lonġ: E0.95
	GB-2.333	qrib Watton, Mid Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab fiċ-ċirku ta' raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.60 u Lonġ: E0.92

	GB-2.334	qrib Beverley, East Riding ta' Yorkshire, Yorkshire, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab fiċ-ċirku ta' raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N53.92 u Lonġ: W0.45
	GB-2.335	qrib Attleborough, Breckland, Norfolk, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab fiċ-ċirku ta' raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.48 u Lonġ: E0.95
	GB-2.336	qrib Gayton, Kings Lynn u West Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab fiċ-ċirku ta' raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.77 u Lonġ: E0.58"

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, jiżdiedu d-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.743 sa US-2.759 wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.742:

"L-Istati Uniti	US-2.743	L-Istat ta' Oklahoma Adair 01 Il-Kontea ta' Adair: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.6480074°W 36.1820615°N)
	US-2.744	L-Istat ta' South Dakota Hutchinson 05 Il-Kontea ta' Hutchinson: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 97.6491903°W 43.2647367°N)
	US-2.745	L-Istat ta' South Dakota Beadle 14 Il-Kontea ta' Beadle: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.1435771°W 44.5768659°N)
	US-2.746	L-Istat ta' Iowa Sioux 03 Il-Kontea ta' Sioux: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 96.2343464°W 43.1420431°N)
	US-2.747	L-Istat ta' California Kern 03 Il-Kontea ta' Kern: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 118.9750624°W 35.3839821°N)
	US-2.748	L-Istat ta' California Stanislaus 10 Il-Kontea ta' Stanislaus: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 120.9339555°W 37.5583185°N)
	US-2.749	L-Istat ta' South Dakota Beadle 15 Il-Kontea ta' Beadle: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 97.9602797°W 44.7087578°N)
	US-2.750	L-Istat ta' South Dakota Charles Mix 11 Il-Kontea ta' Charles Mix: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.4674689°W 43.3093378°N)

	US-2.751	L-Istat ta' South Dakota Moody 02 Il-Kontea ta' Moody: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 96.4661489°W 44.1498563°N)
	US-2.752	L-Istat ta' South Dakota Brule 05 Il-Kontea ta' Brule: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.8847887°W 43.7372590°N)
	US-2.753	L-Istat ta' Iowa Sioux 04 Il-Kontea ta' Sioux: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 96.2515298°W 43.1886323°N)
	US-2.754	L-Istat ta' Iowa Palo Alto 01 Il-Kontea ta' Palo Alto: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.7861017°W 43.1301756°N)
	US-2.755	L-Istat ta' Missouri Daviess 01 Kontea ta' Daviess: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 93.8221299°W 40.0651560°N)
	US-2.756	L-Istat ta' Nebraska Nemaha 01 Il-Kontea ta' Nemaha: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 95.9149895°W 40.5963533°N)
	US-2.757	L-Istat ta' California Tulare 08 Il-Kontea ta' Tulare: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 119.3252996°W 36.5593282°N)
	US-2.758	L-Istat ta' California Stanislaus 11 Il-Kontea ta' Stanislaus: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 120.8210098°W 37.7940851°N)
	US-2.759	L-Istat ta' Oklahoma Adair 02 Il-Kontea ta' Adair: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.6422905°W 36.1749414°N)"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għar-Renju Unit, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.332 sa GB-2.336 wara r-ringieli għaż-żona GB-2.331:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.332	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	GB-2.333	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	

	GB-2.334	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	GB-2.335	POU, RAT	N, P1		16.12.2024	
		GBM	P1		16.12.2024	
	GB-2.336	POU, RAT	N, P1		16.12.2024	
		GBM	P1		16.12.2024”	

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.743 sa US-2.759 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.742:

“US L-Istati Uniti	US-2.743	POU, RAT	N, P1		3.12.2024	
		GBM	P1		3.12.2024	
	US-2.744	POU, RAT	N, P1		9.12.2024	
		GBM	P1		9.12.2024	
	US-2.745	POU, RAT	N, P1		9.12.2024	
		GBM	P1		9.12.2024	
	US-2.746	POU, RAT	N, P1		6.12.2024	
		GBM	P1		6.12.2024	
	US-2.747	POU, RAT	N, P1		9.12.2024	
		GBM	P1		9.12.2024	
	US-2.748	POU, RAT	N, P1		5.12.2024	
		GBM	P1		5.12.2024	
	US-2.749	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	US-2.750	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	US-2.751	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	US-2.752	POU, RAT	N, P1		11.12.2024	
		GBM	P1		11.12.2024	
	US-2.753	POU, RAT	N, P1		11.12.2024	
		GBM	P1		11.12.2024	
	US-2.754	POU, RAT	N, P1		11.12.2024	
		GBM	P1		11.12.2024	
	US-2.755	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	

	US-2.756	POU, RAT	N, P1		6.12.2024	
		GBM	P1		6.12.2024	
	US-2.757	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	US-2.758	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	
		GBM	P1		10.12.2024	
	US-2.759	POU, RAT	N, P1		11.12.2024	
		GBM	P1		11.12.2024”	